MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 901/2012

**Progress Press Co. Limited**
**(C – 307)**

**vs**

**Gaito Steer Chetham ezercenti l-kummerc bl-isem ta' GS Marketing**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat is-7 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimat hu debitur taghha fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€27,731.61);

2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu bilanc dovut lill-istess socjeta` rikorrenti mill-intimat ghall-servizzi rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta minn "*statement of account*" u mill-fatturi relattivi prodotti in atti;

3. Illi d-dejn hu cert, likwidu u dovut;

4. Illi nonostante li nterpellat ghall-pagament, l-intimat baqa' inadempjenti;

5. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti aderiet lil din il-qorti fejn qed titlob is-segwenti:

i. Illi tipprocedi bis-smiegh tal-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12;

ii. Illi tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont minnu lilha dovut fuq indikat rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti;

iii. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi mis-26 ta' Frar, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Sodisfatta li n-notifika tal-intimat giet debitament effettwata permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

Tirrileva li l-istess intimat baqa' ma wegibx ghar-rikors guramentat promotur u konsegwentement instab li hu fi stat ta' kontumacja, (ara fol 49);

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi mill-evidenza prodotta, kemm dik dokumentarja, u dik verbali, il-fatti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi bejn l-intrapriza li taht isimha l-intimat kien jiggestixxi n-negozju tieghu u s-socjeta` rikorrenti kien hemm sensiela twila ta' negozji li permezz taghhom is-socjeta` rikorrenti kienet tat diversi servizzi lill-istess intimat, u dan, fuq inkarigu tieghu, rigwardanti l-pubblikazzjoni ta' "*What If*" cirkolat mal-gurnal settimanali "*The Sunday Ti*mes", (ara fol 6-8);

2. Illi mill-korrispondenza prodotta in atti jirrizulta li l-intimat accetta li jhallas l-ammonti minnu dovuti ratealment izda, r-rata minnu mensilment offruta ma kinitx meqjusa sufficcjenti mis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 9-10);

3. Illi skont il-"*Group Credit Controller*" tal-"*Allied Group of Companies*" li s-socjeta` rikorrenti tifforma parti minnha, jsostni wkoll sintetikament is-segwenti:

i. Illi l-intimat talab ghas-servizzi tas-socjeta` rikorrenti biex tippubblika l-"*magazine*" "*What If*";

ii. Illi l-istess intimat iffirma "*credit application form*" ghal dan il-ghan fis-26 ta' Marzu, 2011, bl-obbligu li jhallas l-ammonti dovuti sa tletin (30) gurnata mid-data ta' kull fattura li tintbaghatlu;

iii. Illi s-socjeta` rikorrenti espletat l-obbligi taghha fil-konfront tal-intimat u ppubblikat u ccirkolat erbghin elf (40,000), kopja tal-istess "*magazine*" f'Ottubru, 2011, u li ta' dan ma rceviet l-ebda hlas;

iv. Illi f'Dicembru, 2011, l-istess socjeta` rikorrenti regghet tat l-istess servizz lill-intimat, u xorta wahda ma thallsitx ta' dan l-isforz;

v. Illi kien biss fid-19 ta' Jannar, li s-socjeta` rikorrenti rceviet pagament akkont mill-intimat, ammontanti ghal elfejn Ewro, (€2,000.00);

vi. Illi l-ammont rimanenti, dak identifikat aktar qabel f'din is-sentenza, ghadu dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti, u dan, nonostante li kien debitament interpellat u konsegwentement kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

1. Filwaqt li tipprocedi bil-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq*uitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat Gaito Steer Chetham ezercenti l-kummerc bl-isem GS Marketing biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Progress Press Limited is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€27,731.61), rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mill-istess socjeta' lill-intimat fuq inkarigu tieghu stess;

3. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fuq indikata u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi kif mitluba mis-26 ta' Frar, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat fuq riferit.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------